# IL-GĦADD TAS-SNIN U S-SENA TAT-TWELID TA' KRISTU

Hija drawwa mad-dinja kollha li s-snin jingħaddu mit-twelid ta' Gesù Kristu 'l hawn. Meta ngħidu: is-sena 1932, kullħadd jifhem li mit-twelid ta' Kristu sa dik is-sena għaddew 1932 sena. Iżda f'dan il-għadd tas-snin hemm żball kbir.

L-ewwel wieħed li beda jgħodd is-snin mit-twelid ta' Kristu kien ir-raheb Dewnis, imlaqqam iż-Żgħir, li miet fis-sena 556. Kienu għaddew aktar minn 500 sena mit-twelid ta' Kristu, u għalhekk u la Dewnis u l-anqas ix-xjuħ ta' żmienu ma kienu jiftakru s-sena li fiha twieled Gesù. Wara ħafna tiftix u taqlib ta kotba u taħbit wasal biex qabbel is-sena tat-twelid ta' Kristu mas-sena 753 ta' Ruma, jiġifieri, Kristu twieled 753 sena wara li nbniet Ruma, jew is-sena 1=sena 754 ta' Ruma. U hawn ir-raheb ħa żball ta' xi 7 snin jew 8.

Nafu li Gesù Kristu twieled fi żmien Erodi, dak is-sultan kiefer li qatel it-trabi bil-ħsieb li joqtol 'lGesù. Erodi miet fis-sena 750 ta' Ruma. Mela Kristu twieled qabel is-sena 750.

Nafu wkoll li Kristu twieled fi żmien Ċesri Awgustu, sultan ta' Ruma, meta kienu jingħaddu n-nies tas-saltna tiegħu kollha. Dan il-għadd tan-nies aktarx li beda fis-sena 746 ta' Ruma u ntemm ħabta tas-sena 747 jew 748 ta' Ruma. Mela Kristu twieled bejn is-sena 747 u s-sena 748 ta' Ruma, jiġifieri 7 snin jew 8 qabel is-sena 754. Dan ifisser li mit twelid ta' Kristu sas-sena 1932 għaddew 1940 sena.

Nistgħu mela ngħidu li fis-sena 1933 jagħalqu 1900 mill-mewt ta' Kristu? Fuq dan nitħaddtu darb'oħra.

SAYDON.